MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2006

Appell Civili Numru. 1785/1998/1

**Calbian Company Limited**

**v.**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2002, fl-ismijiet premessi, li

permezz taghha dik il-Qorti cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici.

Fic-citazzjoni taghha, is-socjeta` attrici fissret illi hija kienet timporta u tbiegh f'Malta diversi prodotti. Hija ppremettiet illi f'Awissu ta' l-1997 hija importat f'Malta kunsinna ta' "sportswear" u zraben; illi hija, permezz ta' agenti imqabbda minnha, ghamlet id-dikjarazzjoni mehtiega ghar-rilaxx tal-prodotti in kwistjoni, ma' liema dikjarazzjoni gew ukoll annessi id-dokumenti kollha rikjesti mil-ligi, inkluz *invoice* tal-fornitur; illi qabel ma gew rilaxxjati l-prodotti gie rilevat kemm minn ufficjali tad-Dwana kif ukoll minn rappresentant tas-socjeta` attrici li zewg prodotti inkluzi fid-dikjarazzjoni kienu gew klassifikati taht H.S. Code zbaljat; illi dan kien zball genwin peress li fost cirkostanzi ohra fl-*invoices* tal-fornitur annessi mad-dikjarazzjoni il-prodotti gew deskritti fedelment u korrettement, u dan kif kien ser jigi pruvat tul is-smiegh tal-kawza; illi meta sar jaf bl-izball rapprezentant tas-socjeta` attrici immedjatament ghamel dikjarazzjoni ulterjuri fejn ikkorega l-ewwel dikjarazzjoni; illi ghalkemm mgharraf bis-sitwazzjoni, il-Kontrollur tad-Dwana irrifjuta li jirrilaxxja l-prodotti importati sakemm ma jsirx hlas lilu mill-importatur ta' somma li kellha tigi minnu mizmuma bhala depozitu akkont ta' kull penali eventwali li seta' jehel l-importatur minhabba l-fatti kif hekk premessi, liema somma kienet tammonta ghal elf u tlieta u tmenin lira (Lm1,083); illi s-socjeta` attrici kellha bzonn ir-rilaxx tal-prodotti in kwistjoni, u ma kellhiex triq ohra ghajr li thallas din is-somma u taghmel id-depozitu kif pretiz, pendenti decizjoni finali; illi ghalhekk, effettivament, is-socjeta` attrici kienet biss qieghda taghti garanzija ghall-hlas eventwali ta' dik il-penali li l-Kontrollur tad-Dwana irriserva li jimponi; illi sad-data tal-presentata tac-citazzjoni l-imsemmi Kontrollur kien ghadu la iddecieda dwar u lanqas ma impona dik il-penali li kien irriserva li jimponi; illi fin-nuqqas ta' l-imposizzjoni ta' din il-penali, is-somma imhallsa mis-socjeta` attrici tirrizulta mhallsa indebitament; illi l-Kontrollur, ghalkemm interpellat anke ufficjalment biex jirrifondi s-somma kollha mhallsa indebitament, irrifjuta li jaghmel dan; premess dan kollu, is-socjeta` attrici talbet lill-ewwel Qorti:

1. Tiddikjara li l-izball fil-klassifikazzjoni tal-prodott taht il-Kodici “HS” imwettaq minn agenti mqabbda mis-socjeta` attrici kien, fic-cirkostanzi kif fuq deskritti, wiehed genwin;

2. Tiddikjara li l-agir tas-socjeta` attrici ma taghti lok ghal ebda imposizzjoni ta’ multa u dan minkejja l-pretensjoni tal-konvenut; u

3. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jirrifondi lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf u tlieta u tmenin lira (Lm1,083) imhallsa lilu indebitament kif premess.

Il-konvenut Kontrollur tad-Dwana, fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu (fol. 35) eccepixxa bazikament hekk:

1. Illi l-ammont li thallas mis-socjeta` attrici kien bhala tranzazzjoni “ta’ litigju dwar il-possibbli qbid ta’ l-oggetti importati liema transazzjoni s-socjeta` attrici ikkonkludietha volontarjament u ghalhekk hija vinkolanti fuqha.

2. Ma hemmx l-elementi rikjesti sabiex wiehed isostni l-*indebiti solutio* peress li l-pagament li sar kien wiehed volontarju.

3. L-oggetti kienu gew dikjarati hazin mill-importatur u ghalhekk iddahhlu hazin u b’evazjoni ta’ taxxi u imposti, u l-ammont imhallas biex jigi transatt il-litigju dwar il-qbid ta’ l-oggetti kien jirraprezenta dannu inferjuri ferm ghas-socjeta` attrici minn dak li kien igib mieghu l-qbid li kienet soggetta ghalih skond il-ligi.

**Is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti**

Kif inghad, l-ewwel Qorti, bis-sentenza moghtija fit-2 ta’ Ottubru 2002, cahdet it-talbiet attrici, u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“F'Awissu 1997 is-socjeta` attrici importat lejn Malta kwantita ta' merkanzija konsistenti fi zraben ta' tipi u daqsijiet differenti kif jidher mill-'*invoice*' tas-socjeta`

Industrias del Calzado Y Prendas Deportivas s.a. tad-29 ta' Lulju 1997 a fol 15 et sequitur tal-process. Ghar-rilaxx ta' l-istess merkanzija mid-dwana s-socjeta` attrici ghaddiet il-karti f'idejn l-agent taghha s-socjeta` E. Vella & Co. Ltd biex tiehu hsieb taghmel id-dikjarazzjoni necessarja u thallas d-dazju relattiv sabiex jigi ottenut "Release order" minghand il-konvenut. Waqt il-verifika tad-dikjarazzjoni hekk maghmula mal-fattura presentata l-ufficjal tad-dwana mill-ewwel induna li bejn dawn iz-zewg dokumenti kien hemm diskrepanza billi d-dikjarazzjoni ma kienetx tirrifletti ezattament dak li kien hemm fl-fattura. Din id-diskrepanza kienet ser tefettwa l-ammont ta' Levy jew dazju li kellu jithallas billi giet indikata l-H.S. Code hazina. Sussegwentement meta nfetah il-'*container*' gie osservat ukoll li kien hemm diskrepanza ohra nkwantu certa zraben, li fid-dikjarazzjoni kienu indikati bhala "leather uppers", kienu effettivament bil-wicc taghhom tad-drabb. Dan kien jimporta tibdil fid-dazju minn 8.1% ghal 20%.

“Fic-cirkostanzi l-ufficjal tad-Dwana kellu d-dritt li jordna l-konfiska tal-merkanzija a termini ta' l-artikolu 61 tal-Ordinanza tad-Dwana li jghid hekk: "*If at the time of examination by an officer of customs any goods are found in excess of, or different to, those appearing on th supplier's invoice or declared by the importer or his agent, then, notwithstanding any other provision of the law, such goods found in excess or such different goods shall be forfeited."* Il-merkanzija hekk konfiskata imbaghad tigi depozitata, skond il-valur, jew fejn jiddirigi l-Ministru responsabbli ghad-Dwana jew kif jiddecidi l-Kontrollur tad-Dwana. Is-subinciz (2) ta' l-istess artikolu jkompli jiddisponi li "*The provisions of subsection (1) of this section shall not apply where the competent authority is satisfied that the discrepancy was due to a genuine error."*

“Jidher li wara l-1994, minhabba l-volum kbir ta' merkanzija li bdiet tidhol hawn Malta id-Dipartiment tad-Dwana adotta sistema fejn mhux il-merkanzija kollha li tidhol Malta tigi spezzjonata izda bdew isiru biss "random checks" fuq parti mill-merkanzija biex b'hekk ir-rilaxx tal-merkanzija tkun aktar spedita. Inoltre sabiex jigu evitati proceduri taqqalija quddiem il-qrati biex tigi determinata l-

htija o meno ta' dak li jkun u, fil-kaz ta' htija, l-imposizzjoni ta' multa, bll-konsegwenti kumplikazzjonijiet rizultanti minn dewmien f'dawn il-proceduri, giet introdotta sistema fejn minflok il-konfiska l-importatur jigi offrut, bil-kunsens tieghu, alternattiva ohra fejn dan jigi mitlub mhux biss ihallas d-dazju, levy jew ETI fuq dik il-merkanzija li tirrizulta mhux iddikjarata jew iddikjarata hazin, izda li ukoll dan jiddeposita ammont ekwivalenti ghal dak id-dazju, levy jew ETI bhala depozitu akkont ta' kull penali li tista' tigi imposta mill-Kontrollur tad-Dwana. B'hekk il-merkanzija milquta tigi rilaxxata immedjatament u wara l-Kontrollur a bazi ta' certa kriterji jiddecidi jekk jimponiex il-multa fl-ammont kollu depozitat jew parti mill-istess ammont. Din il-procedura donnha tohrog minn dak li jipprovdi l-artikolu 63 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta fejn jinghad hekk: "*Notwithstanding any other provision of this Ordinance, in the case of any irregularity of small importance which, if undetected, would involve loss of customs duty but which does not seem to have been committed maliciously, the Comptroller may, with the concurrance of the importer, impose a penalty equivalent to the duty endangered as an alternative to proceedings in court."*

“Mill-provi prodotti jidher li din l-"*option"* giet offruta lil u accettata mis-socjeta` attrici billi jirrizulta li din hallset mhux biss id-dazju u Levy dovut fuq il-merkanzija mertu tad-diskrepanza, izda ukoll iddepozitat mal-Kontrollur tad-Dwana ammont ulterjuri fis-somma ta' tmien mija tnejn u disghin lira (LM892.00) ekwivalenti ghad-dazju u Levy imhallas. B'hekk il-merkanzija soggetta ghall-konfiska setghet tigi irtirata mill-importatur bla dewmien.

“Mario Gatt, ex-Assistent Direttur fid-Dipartiment tad-Dwana, spjega li wara li saru s-sottomissjonijiet minn naha tal-importatur u gie ezaminat il-kaz, id-dipartiment hass li kellha tigi imposta penali ta' 50% mill-ammont ta' dazju mhux dikjarat (under declared) billi kienet irrizultat negligenza kbira da parti tal-importatur. Ghalhekk mid-depositu ta' LM892, li kien sar mis-socjeta` attrici, is-somma ta' LM446 giet konfiskata favur il-Gvern, filwaqt li somma ekwivalenti baqghet a disposizzjoni tas-socjeta`

attrici li giet infurmata bil-kreditu favur taghha u setghet tirtiraha wara d-debiti proceduri. Oltre dan l-ammont ix-xhud spejga li s-socjeta` attrici kienet ukoll dovuta rifuzjoni ta' LM191 ghal ETI rizultanti mhallas zejjed wara li saru l-aggustamenti fil-komputazzjoni tad-dazju, levy u ETI. Ix-xhud jghid li s-socjeta` attrici, ghalkemm infurmata b'din id-decizjoni, naqset li taghmel il-pratiki mehtiega biex tirtira l-ammonti zejjed li kienu f'idejn l-Kontrollur u qatt ma maret biex tirtira dawn l-ammonti. Minflokk ghazlet li istitwixxa dawn il-proceduri.

“Mill-fuq espost jidher li t-talbiet attrici mhux gustifikati u per konsegwenza ghandhom jigu michuda. Infatti jirrizulta bla dubbju ta' xejn li bejn is-socjeta` attrici u l-konvenut kien intlahaq ftehim biex tigi evitata l-konfiska tal-merkanzija milquta billi l-attur jiddeposita ammont biex jghamel tajjeb ghal penali li setghet tigi imposta. Minn dak il-mument il-quddiem l-attur issottometta ruhu ghad-diskrezzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana, liema diskrezzjoni ma tidhirx li giet ezercitata b'mod hazin mill-Kontrollur.

“Illi fi kwalunkwe skond l-artikolu 63 tal-Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta  penali tista' tigi imposta anke meta ma jirrizultax malzija fl-agir tal-importatur u ghalhekk id-decizzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana, li giet notifikata lill-importatur, ma tistax tigi sindakata minn din il-Qorti. Jinghad ukoll, kif sewwa gie eccepiet mill-konvenut li l-ma tistax issir talba ghar-rifuzjoni tad-depositu maghmul qabel ma jigi rexiss l-ftehim milhuq u l-merkanzija ritornata lill-konvenut skond l-artikolu 61 tal-Kap 37. Il-fatt li din il-merkanzija illum ma ghadiex taht il-kontroll tas-socjeta` attrici jfisser li din ma tistax tregga lura kollox.

“Illi inoltre jigi rilevat ghal kull buon fini li l-ammont indikat fic-citazzjoni ma jirrapresentax d-depositu maghmul akkont tal-penali izda hemm inkluz f'dan l-ammont is-somma ta' LM191 rappresentanti parti mill-ETI imhallas zejjed kif fuq inghad u li ghalhekk mhux mertu ta' din il-kawza.”

**L-appell tas-socjeta` attrici**

Is-socjeta` attrici appellat minn din is-sentenza permezz ta' rikors presentat fit-22 ta' Ottubru 2002 (fol. 172 ta' l-atti). L-aggravji taghha huma bazikament tnejn, u jistghu jigu sintetizzati hekk:

(1) It-"transazzjoni" li, skond l-ewwel Qorti, saret bejn il-partijiet hija nulla in kwantu ma saritx bil-miktub kif jitlob *ad validitatem* l-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili (Kap. 16); u

(2) Ma sehh l-ebda ftehim ta' "transazzjoni" in kwantu meta sar il-hlas is-socjeta` appellanti kienet qeghda tifehm li qeghda thallas bhala garanzija ta' hlas ta' dazju f'kaz illi dan ikun dovut skond il-ligi; is-socjeta` appellanti qatt ma tat il-kunsens taghha sabiex issir transazzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Ikun qabel xejn opportun li din il-Qorti tirrikapitola ftit il-fatti kif jemergu mill-provi. F'Awissu 1997 is-socjeta` appellanti importat f'Malta merkanzija li kienet tikkonsisti fi zraben. Ghar-rilaxx tal-merkanzija, is-socjeta` appellanti ghaddiet id-dokumenti rilevanti lill-agent taghha (E. Vella & Co Ltd) sabiex ikunu jistghu jsiru d-dikjarazzjonijiet mehtiega ghal fini ta' hlas ta' dazju u rilaxx ta' merkanzija. Meta l-ufficjal tad-Dwana kien qieghed jivverifika d-dokumenti ta' parti mill-merkanzija, irrizulta li kien hemm diskrepanza bejn dak dikjarat fil-fattura u d-dikjarazzjoni li saret mill-agent. Dan kien ser ikollu effett fuq id-dazju pagabbli. Kien hemm dikjarati --

a. zraben ta' inqas minn 24 centimetru li kienu ddikjarat taht HS Code 6403 59 95 90, u l-ufficjali tad-Dwana sabu li dawn iz-zraben kienu ikbar u ghalhekk kellhom jigu ddikjarati taht HS Code 6403 19 00 10 u ghalhekk soggetti ghal levy; u

b. kien hemm zraben bil-wicc tal-gilda, dikjarati taht HS Code 6403 99 31 00 soggetti ghal dazju ta' 8.1%, u nstabu li kellhom wicc tad-drapp li suppost gew dikjarati taht HS Code 6404 11 00 00 soggetti ghal dazju ta' 20%.

Id-dazju li thallas inizjalment kien ta’ Lm1365, Lm8 levy u Lm1606 ETI, ghal ammont totali ta’ Lm2979. Il-hlas li suppost sar mill-importatur kien ta’ Lm3,680, igifieri Lm1915 dazju, Lm350 levy u Lm1415 ETI. Kien hemm ghalhekk diskrepanza ta’ Lm550 fi hlas ta’ dazju. Ghalkemm il-Kontrollur tad-Dwana kellu l-poter li jordna l-konfiska tal-merkanzija skond il-provvedimenti ta’ l-Ordinanza tad-Dwana, fi kliem ix-xhud Mario Gatt (ufficjal tad-Dwana), l-appellat adotta l-procedura kontemplata fl-Artikolu 61 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 37). Sabiex is-socjeta` appellanti irnexxielha takkwista r-rilaxx tal-merkanzija hija hallset ossia ghamlet depozitu li kien jikkonsisti fid-differenza fid-dazju ta’ Lm550 u levy ta’ Lm342, u ammont addizzjonali ta’ Lm892, igifieri Lm550 + Lm342 = Lm892 (fol. 111). B’kollox ghalhekk giet depozitata s-somma ta’ Lm1,784 mis-socjeta appellanti. Sussegwentement il-Kontrollur tad-Dwana kiteb fis-16 ta’ Dicembru 1997 lis-socjeta` appellanti (fol. 20) fejn gharrafha hekk: ***“Please note that case may be settled against payment of duty Lm550 Levy Lm342 Vat Lm76 due plus an additional 50% in terms of Section 61 of the Customs Ordinance”***.

L-Ewwel Qorti kkonkludiet li mill-provi kien jidher li bejn is-socjeta` appellanti u l-appellat kien intlahaq ***“…ftehim biex tigi evitata l-konfiska tal-merkanzija milquta billi l-attur jiddeposita ammont biex jaghmel tajjeb ghal penali li setghet tigi imposta”***.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Fir-risposta ta’ l-appell ipprezentata fit-13 ta’ Novembru 2002, l-appellat issolleva eccezzjoni preliminari fis-sens li r-rikors ta’ l-appell ma giex notifikat lill-Ufficcju tal-Avukat Generali skond kif jitlob l-Artikolu 181B tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Mill-atti, pero`, jirrizulta li l-imsemmi rikors gie notifikat lill-Avukat Generali fit-3 ta’ Dicembru 2002 (ara fol. 184), jigifieri wara l-prezentata tar-risposta min-naha tal-appellat. Ghalhekk ma jidhirx li hemm lok li wiehed jikkunsidra aktar din l-eccezzjoni.

Issa, skond l-Artikolu 61 tal-Ordinanza dwar id-Dwana (Kap. 37) –

*"Jekk fiz-zmien ta' l-ezami minn ufficjal tad-dwana xi oggetti jkunu jinsabu fi kwantità aktar minn, jew* ***differenti minn, dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura*** *ta' l-esportatur jew li jkunu dikjarati mill-importatur jew mill-agent tieghu, f'dak il-kaz, minkejja dak kollu li jinsab f'xi disposizzjoni ohra ta' ligi, dawk l-oggetti li jinsabu zejda jew dawk l-oggetti differenti ghandhom jigu kkonfiskati…"*.

Il-paragrafu (a) tas-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 61 kif inhu llum jipprovdi hekk:-

*"Minkejja kull disposizzjoni li hemm f'dan l-artikolu, il-Kontrollur jista' jaghzel li jaghti lura l-oggetti kkonfiskati lill-importatur meta dan jaqbel li jhallas dak id-depozitu jew dawk id-depoziti lil, u kif ikun determinat mill-Kontrollur, sakemm il-Kontrollur jikkalkula l-prezz attwali li jrid ihallas l-importatur ghall-oggetti u f'dan il-kaz il-prezz li jrid jithallas ghal dawn l-oggetti ma jistax jaqbez is-somma totali ddepozitata mill-importatur".*

Imbaghad, il-paragrafu (b) ta' l-istess subartikolu jipprovdi hekk:

*"Kull meta xi kaz ikun trattat skond id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a), id-decizjoni tal-Kontrollur dwar il-prezz li jrid jithallas ghall-oggetti tkun finali u konkluziva".*

Issa, fil-kaz in dizamina, minflok ordna l-konfiska, il-Kontrollur awtorizza r-rilaxx tal-merkanzija b'dan li l-importatur gie mitlub ihallas id-depozitu kif fuq spjegat. Fl-istadju ta' l-appell, l-appellat qieghed isostni li l-hlas addizzjonali li ngabar minghand l-importatur, jigifieri l-ammont ta' tmien mija u tnejn u disghajn lira (Lm892), gie impost b'applikazzjoni ta' l-Artiklu 63 ta' l-Ordinanza, li jistipula: *"B'dak kollu li jinsab f'xi disposizzjoni ohra ta' din l-Ordinanza, fil-kaz ta' xi irregolarità* [1] *li jekk ma tinqabadx, ikun hemm telf ta' dazju tad-dwana ta' mhux izjed minn*

[1] Fiz-zmien relevanti, din id-disposizzjoni kienet tirreferi ghal "irregularity of small importance". Il-kliem "of small importance" gew imhassra bl-Att III ta l-2005.

*hames mitt* [2] *lira izda li ma tkunx tidher li saret b'qerq, il-Kontrollur jista', bi ftehim ma' l-importatur, jimponi penali li tkun daqs id-dazju li seta' ntilef minflok procedimenti f'qorti"*. Fehma, din, li tidher li addottat l-ewwel Qorti in kwantu ddikjarat li mill-provi rrizulta li *"B'hekk il-merkanzija milquta tigi rilaxxata immedjatament u wara l-Kontrollur a bazi ta' certi kriterji jiddecidi jekk jimponiex il-multa fl-ammont kollu depozitat jew parti mill-istess ammont"*. Dan minkejja l-fatt li skond dana l-Artikolu 63 il-penali li jista' jimponi l-Kontrollur ghandha tkun ***" daqs id-dazju li seta' ntilef"***.

Jigi rilevat pero` li x-xhud Mario Gatt, Assistent Direttur, Landing and Releasing fid-Dipartiment tad-Dwana li gie prodott mill-konvenut appellant jispjega li l-kalkoli u d-depozitu rikjest lill-importatur saru a bazi ta' l-Artikolu 61 tal-Kap 37 (ara xhieda moghtija fis-seduta tas-6 ta' April, 2001, fol 139 – 150); fatt li huwa kkonfermat mill-ittri mibghuta mil-appellat u li jinsabu a fol 20 u 60 tal-process fejn jissemma' biss l-Artikolu 61. Dan ix-xhud jelabora li wara li saru s-sottomissjonijiet min-naha tal-importatur u ie rivedut il-kaz, id-Dipartiment deherlu li kelha tigi inserita penali ta' hamsin fil-mija (50%) fir-rigward ta' l-ammont ta' dazju mhux iddikjarat ("under-declared") billi kienet irrizultatilhom negligenza kbira min-naha tal-importatur. Ghalhekk, mill-ammont iddepositat fis-somma ta' Lm892, effettwat mis-socjeta` appellata, is-somma ta' Lm446 giet ikkonfiskata favur il-Gvern, filwaqt li s-somma ekwivalenti baqghet ghad-disposizzjoni tas-socjeta` attrici, li giet infurmata b'dan il-kreditu favuriha u li setghet tirtira dan l-ammont ta' Lm 446 (i.e. nofs l-ammont ta' Lm892 depozitat) wara li ssegwi d-debiti proceduri. Ma' dan l-ammont, ix-xhud jispjega inoltre li s-socjeta` attrici kellha ukoll dovuta lilha rifuzjoni addizzjonali ta' Lm191 ghal ETI li jirrizulta li thallas zejjed wara li saru l-aggustamenti fil-komputazzjoni tad-dazju, levy, u ETI. Ix-xhud jghid li s-socejta` attrici, ghalkemm giet infurmata b'din id-decizjoni, naqset milli taghmel il-karti mehtiega biex tirtira dawn iz-zewg ammonti, jigifieri Lm446 u Lm191 kif inghat li hemm f'idejn il-Kontrollur u qatt ma marret biex tirtirahom.

[2] Il-kliem "not exceeding five hundred liri" gew mizjuda bl-imsemmi Att III ta' l-2005.

Minflok, is-socjeta` attrici ghazlet li tistitwixxi dawn il-proceduri fejn qeghda tinsisti li tirtira l-ammont shih li gie depozitat ghand il-kontrollur, jigifieri Lm892, kif ukoll l-ammont l-iehor ta' Lm191 li kien thallas in eccess tad-dazju dovut, u b'kollox ghalhekk ghall-ammont ta' Lm1083 (Lm892 + Lm191).

Issa, il-paragrafi (a) u (b) tas-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 61 (aktar 'l fuq imsemmija f'din is-sentenza) gew introdotti permezz ta' l-Att XII ta' l-2001. Qabel din l-emenda, u ghalhekk fiz-zmien relevanti ghall-kaz, l-Artikolu 61 kien jaqra hekk:-

*" (1) Jekk fiz-zmien ta' l-ezami minn ufficjal tad-dwana xi oggetti jkunu jinsabu fi kwantita` aktar minn, jew differenti minn, dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura ta' l-esportatur jew li jkunu dikjarati mill-importatur jew mill-agent tieghu, f'dak il-kaz, minkejja dak kollu li jinsab f'xi disposizzjoni ohra ta' ligi, dawk l-oggetti li jinsabu zejda jew dawk l-oggetti differenti ghandhom jigu kkonfiskati u*

*(a) meta l-valur tal-oggetti li hekk jinsabu f'kwantita` akbar jew differenti jkunu ta' hames mitt lira Matija jew aktar, dawk l-oggetti li jkunu gew hekk konfiskati ghandhom jitnehhew b'dak il-mod li l-Ministru responsabbli ghad-dwana jista' jistabilixxi; u*

*(b) meta l-valur tal-oggett li hekk jinsabu fi kwantita` akbar jew differenti jkun ta' inqas minn hames mitt lira Maltija, dawk l-oggetti li jkunu gew hekk konfiskati ghandhom jitnehhew hekk kif il-Kontrollur tad-Dwana jista' jistabilixxi.*

*Din il-konfiska tkun bhal hsara ghal kull azzjoni li tista' tittiehed kontra l-importatur jew l-agent tieghu, jew kontra t-tnejn, skond xi disposizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma ghandhomx jghoddu meta l-awtorita` kompetenti tkun sodisfatta li d-diskrepanza tkun grat minhabba fi zball genwin.*

*(3) Ghall-finijiet tas-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu 'awtorita kompetenti' tfisser meta l-valur tal-oggetti li jinsabu fi kwantita` akbar jew differenti minn dak li jidher fuq il-fattura tal-esportatur jew li jigi dikjarat mill-importatur jew mill-agent tieghu -*

*(a) ikun ta' hames mitt lira Maltija jew iktar, il-Ministru responsabbli ghad-dwana;*
*(b) ikun inqas minn hames mitt lira Maltija, il-Kontrollur tad-Dwana.*

*(2) id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma ghandhomx ighoddu meta l-Ministru responsabbli ghad-dwana jkun sodisfatt li d-diskrepanza tkun grat minhabba fi zball genwin"*.

Ghalhekk huwa car li qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tal-2001, l-Artikolu 61 ma kienx jikkontempla r-rilaxx tal-merkanzija versu l-hlas ta' depozitu u din kienet biss prassi li addotta d-Dipartiment. Fatt li huwa kkonfermat mill-Kontrollur tad-Dwana f'ittra mibghuta minnu bid-data tat-3 ta' Frar 1998 lill-avukati tas-socjeta` attrici appellanti (fol. 60) meta kiteb ***"it has been the practice……"***. Minkejja dan, l-ewwel talba attrici xorta wahda ma tistax tintlaqa', ghax huwa evidenti minn dak hawn fuq riportat li l-kwistjoni tal-genwinita` o meno, ossia ta' zball genwin, riferibbilment ghad-diskrepanzi ta' dak li jkun gie dikjarat, hija mhollija esklussivament fid-diskrezzjoni ta' l-"awtorita` kompetenti", u fic-citazzjoni attrici ma hemm ebda allegazzjoni li tali diskrezzjoni giet b'xi mod uzata mill-imsemmija awtorita` b'mod abbuziv.

L-appellant jikkontesta li hu qatt ta xi kunsens biex issehh xi transazzjoni u jinsisti li f'kull kaz il-validita` ta' transazzjoni tiddependi minn ftehim bil-miktub.

L-Artikolu 1233 tal-Kodici Civili (Kap. 16) jipprovdi hekk:-

*"(1) Bla hsara tal-kazijiet li fihom il-ligi, espressament, taghmel mehtieg l-att pubbliku,* ***ghandhom isiru b'att pubbliku jew b'kitba privata****, taht piena ta' nullità –*

*(a) il-ftehim li jkun fih weghda ta' trasferiment jew ta' akkwist, taht kull titolu li jkun, tal-proprjetà ta' beni immobbli jew ta' jedd iehor fuq dawk il-beni;*
*(b) il-weghdiet ta' self ghall-uzu jew mutuum;*
*(c) il-garanziji;*
*(d)* ***it-transazzjoni****;*
*(e) il-kiri ta' immobbli ghal zmien ta' izjed minn sentejn ghal dak li hu bini, jew minn erba' snin, ghal dak li hu raba';*
*(f) is-socjetajiet civili; u*
*(g) ghall-finijiet tal-Ligi dwar il-Weghdiet ta' zwieg, kull weghda, kuntratt jew ftehim hemm imsemmija".*

Fil-kaz in dizamina huwa veru li ma gie prezentat l-ebda dokument iffirmat mill-partijiet li l-kwistjoni kienet giet tranzatta bil-mod kif inghad iktar 'l fuq.

Skond l-Artikolu 1718 tal-Kodici Civili (Kap. 16):-

*"It-transazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet, b'xi haga li jaghtu, iwieghdu, jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija, jew jevitaw kawza li tkun sejra ssir."*

Tqum il-kwistjoni jekk huwiex validu akkordju li bih jintlahaq ftehim bonarju fuq kwistjoni minghajr ma jsir xejn bil-miktub. Il-ligi taghti definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi transazzjoni, u din insibuha f'zewg kazijiet:-

(a) Fejn il-partijiet jiftehmu u jaghtu tmiem ghal kawza mibdija; jew
(b) Fejn jiftehmu biex jevitaw kawza li tkun sejra ssir.

Fil-kaz in ezami, pero`, japplika l-Artikolu 63 tal-Kap. 37 (li hija ligi specjali) liema artikolu ma jghidx espressament li ftehim a bazi ta' dan il-provvediment irid ikun bil-miktub. Fejn il-legislatur ried li f'kazijiet fejn tapplika l-ligi tad-dwana ftehim isir bil-miktub, huwa pprovda espressament fl-istess Ordinanza [ara per ezempju Artikolu 63A li jipprovdi ghall-possibilita' li wiehed jiftiehem, bil-miktub, li jhallas multa sabiex tigi estinta kwalsiasi responsabbilta' kriminali].

Ma jistax jigi kkontestat li mill-provi rrizulta li s-socjeta` appellanti ftehmet ma' l-appellat li tiddepozita s-somma mitluba minnu sabiex tkun tista' tottjeni r-rilaxx tal-merkanzija. Min-naha l-ohra pero` ma jidhirx li f'dak l-istadju kien intlahaq ftehim li l-appellat izomm nofs id-depozitu sabiex tinghalaq il-vertenza. Dan jirrizulta mill-ittra li ntbaghtet mill-appellat lis-socjeta` appellanti u li hija ezebita a fol. 20 tal-process. Din l-ittra, li ggib id-data tas-16 ta' Dicembru 1997, fiha proposta lill-appellant dwar kif setghet tigi rizolta bonarjament il-kwistjoni: tant hu hekk li fiha jinghad: *"Please note that case* ***may be settled*** *against the payment……..".* Fl-istess ittra naqraw li l-appellant gie mitlub biex imur fl-ufficcju tad-Dwana u jiehu xi dokumenti mieghu, ***"in order to settle the matter"***. Kliem li jindika li sa dak il-mument kien ghadu ma ntlahaq l-ebda ftehim ma' l-appellant dwar il-hlas dovut lill-appellat. Fil-fatt l-appellant kien wiegeb ghal din l-ittra permezz ta' l-avukat tieghu u oggezzjona li jhallas xi ammont in eccess tad-dazju (fol. 59 tal-process). Jidher ghalhekk li l-offerta li ghamel l-appellat ma gietx milqugha min-naha ta' l-appellant u f'dawn ic-cirkostanzi wiehed ma jidhirx li jista' jikkonkludi li ntlahaq ftehim bejn il-kontendenti kif sostna l-appellat fl-ittra tieghu tat-3 ta' Frar 1998 (fol. 60).

Galadarba ma rrizultax li kien intlehaq ftehim bejn is-socjeta` appellanti u l-appellat sabiex tinghalaq il-vertenza, il-Kontrollur tad-Dwana seta' liberament jipprocedi kontra l-importatur skond il-provvedimenti tal-Kap. 37 li jikkontemplaw it-tehid ta' proceduri kriminali kontra l-importatur u li bhala piena tikkontempla wkoll il-hlas ta' dazju addizzjonali. Proceduri li ma jirrizultax li ttiehdu mill-appellat ghaliex ikkunsidra li kellu d-dritt li jzomm id-depozitu mhallas mill-appellant. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellat agixxa skorretement meta qabad u infligga penali ta' 50% fuq l-ammont iddepozitat mieghu mis-socjeta` appellanti.

Min-naha l-ohra fic-citazzjoni is-socjeta` appellanti ssostni li l-hlas lill-Kontrollur tad-Dwana sar indebitament ghaliex dak li gara kien minhabba zball genwin li ha l-agent

taghha u l-agir taghha ma kien jaghti lok ghal ebda imposizzjoni ta’ hlas ta’ multa. Din hija materja li kellha tigi trattata fi proceduri kriminali li setghu jittiehdu kontra l-importatur skond il-provvedimenti ta’ l-Ordinanza. Dak kien il-forum adatt sabiex jigi determinat kellix tigi imposta xi multa fuq l-importatur minhabba ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 37, multa li l-appellant isostni li ma kellix tapplika ghaliex dan kien kaz ta’ zball genwin – kwistjoni din, dwar il-genwinita` ta’ l-izball, li, kif rajna, hi rimessa ghad-diskrezzjoni ta’ l-“awtorita` kompetenti” ghall-anqas ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 61 dwar il-konfiska. Li huwa zgur hu li l-Kap. 37 jikkontempla hlas ta’ multi f’kaz li l-importatur jinstab hati ta’ ksur tal-provvedimenti tal-Ordinanza tad-Dwana. Id-depozitu surreferit li thallas mis-socjeta` appellanti sar fuq rikjesta tal-Kontrollur tad-Dwana. Fi kliem iehor, la sar bi “zball genwin” kif teppretendi s-socjeta` appellanti, fil-fehma ta’ din il-Qorti l-appellat agixxa skorrettement meta qabad u infligga penali ta’ 50% fuq l-ammont iddepositat mieghu mis-socjeta` appellanti (hekk ara l-ewwel talba taghha) u lanqas pero` ma jista’ jigi ritenut li s-socjeta` ghamlet l-imsemmi depozitu minn rajha. <u>Bizzejjed jinghad illi li kieku dan id-depozitu ma sarx, il-merkanizja ma kenitx tigi rliaxxjata lill-importatur.</u> Mis-suespost ghalhekk isegwi li s-socjeta` appellanti ma setghetx tinsisti ghal dikjarazzjoni li dak li ghamlet kien gej minn “zball genwin”. Ghall-istess raguni, darba li l-Kontrollur naqas milli jimxi mal-proceduri kif hemm stabbilit fil-ligi tad-dwana, vigenti dakinhar, li r-rikjesta ghal fini ta’ depozitu ma kenitx temani mal-ligi, u stabbilit ukoll li ma giet konkluza l-ebda transazzjoni valida dwar id-depozitu bejn il-partijiet, allura necessarjament isegwi li dan l-ammont knawtu ghall-intier tieghu, thallas mis-socjeta` attrici lill-Kontrollur <u>indebitament</u>. Dwar l-ammont l-iehor, imbaghad, fis-somma ta’ Lm191, ir-rapprezentant tal-Kontrollur stess jghid (hekk ara x-xhieda ta’ Mario Gatt) li dana l-ammont kien rifondibbli lis-socjeta` attrici billi kien gie ritenut in eccess ta’ dak realment dovut bhala import u ghalhekk thallas bi zball. F’dan it-tieni kaz di fatti jirrizulta li l-ammont ma giex rifuz ghar-raguni li s-socjeta` attrici naqset milli titolbu lura ghaliex baqghet tinsisti li trid ukoll tiehu lura l-ammont l-iehor ta’ Lm892. Huwa pacifiku li dawn iz-zewg ammonti baqghu fil-pussess tal-Kontrollur.

Fil-fehma ta' din il-Qorti ghalhekk, imqar jekk l-att tac-citazzjoni, kif originarjament dedott, seta' kien aktar felici minn punto di vista ta' precizzjoni, l-aggravju ewlieni tas-socjeta` attrici huwa wiehed fondat u l-appell taghha jimmerita li jigi milqugh. Dan maghdud, din il-Qorti hija pero` tal-fehma li l-ewwel talba saret inutilment u dan ghal ragunijiet li jirrizultaw fil-korp ta' din id-decizjoni.

Ghal dawn ir-ragunijet:

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-appell tas-socjeta` attrici limitatament ghat-tieni u t-tielet talbiet taghha kontenuti fic-citazzjoni, u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn cahdet it-tieni u t-tielet talbiet attrici u minflok tilqaghhom u konsegwentement tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jirrifondi lis-socjeta` attrici appellanti s-somma ta' elf u tlieta u tmenin lira (Lm1083) (bl-imghax legali dekorribbli mil-lum sal-effettiv pagament); u tikkonfermaha fir-rigward tal-ewwel talba. L-ispejjez gudizzjarji relattivi ghaz-zewg istanzi jigu sopportati kwantu ghal terz (1/3) mis-socjeta` attrici u zewg terzi (2/3) mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------